MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2006

Appell Civili Numru. 1163/1999/1

**Giuseppe Tabone & Co.**

**v.**

**Atlas Insurance Agency Ltd bhala agent u in rappresentanza tas-socjeta` estera Guardian Royal Exchange Assurance plc bhala cessjonarja tad-drittijiet tas-socjeta` assikuratrici estera Commercial Union Assurance Company plc li kienet rapprezentata f'Malta mis-socjeta` R. von Brockdorff Insurance Agency Ltd u b'digriet tat-23 ta' Novembru, 2004 isem is-socjeta` attrici inbidel minn Atlas Insurance Agency Ltd ghall-**

**Atlas Insurance Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari;**

B’citazzjoni pprezentata fl-20 ta’ Mejju 1999, quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili s-socjeta` attrici ppremettiet li hija l-proprjetarja ta’ zewg water barges St. Francis u St. Joseph; illi s-socjeta` attrici assikurat dawn iz-zewg water barges mas-socjeta` assikuratrici Commercial Union Assurance Company plc kif kienet rapprezentata f’Malta mis-socjeta` lokali R. von Brockdorff Insurance Agency Ltd (Dok A); illi s-socjeta` assikuratrici estera Commercial Union Assurance Company plc ittrasferit il-portfolio tan-negozju taghha lis-socjeta` estera ohra Guardian Royal Exchange Assurance plc rapprezentata f’Malta mis-socjeta` Atlas Insurance Agency Ltd (DOK B); illi l-bastimenti/water barges ‘l fuq imsemmija gherqu bejn il-21 u t-22 t’Ottubru 1995; illi minhabba l-gharqa tal-water barges is-socjeta` attrici soffriet danni li jammontaw ghal hamsin elf liri Maltin (Lm50,000); illi s-socjeta` konvenuta hija dovuta thallas l-ammont ta’ LM50,000 lis-socjeta` attrici in vista tal-polza ta’ assikurazzjoni ‘l fuq imsemmija; illi s-socjeta` attrici ilha ghal diversi snin f’tahdidiet mas-socjeta` Commercial Union Assurance Company plc li ma rrizultaw f’xejn; illi s-socjeta` attrici interpellat lill-Commercial Union Assurance Company plc sabiex thallas l-ammont dovut lis-socjeta` attrici permezz ta’ ittra ufficjali tal-25 ta’ Lulju, 1997 izda l-istess socjeta` assikuratrici baqghet inadempjenti; dan premess is-socjeta` attrici talbet li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hija dovuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ hamsin elf liri Maltin (LM50,000) bhala hlas ta’ danni li s-socjeta` attrici soffriet bl-gharqa tal-bastimenti ‘l fuq imsemmija;

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ Lm50,000 ghar-ragunijiet fuq

premessi bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fil-15 ta' Settembru 1999 is-socjeta` konvenuta eccepiet:-

1. Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-raguni li l-ebda wiehed mir-riskji li huma esplicitament koperti permezz tal-polza ta' assikurazzjoni fil-forma **ta' Institute Time Clauses Hulls Port Risks**, mahruga favur is-socjeta` attrici mis-socjeta` konvenuta (hawn annessa u mmarkata "Dok AF1") ma kkagunaw l-gharqa taz-zewg "water barges", u ghaldaqstant is-socjeta` konvenuta mhix id-debitrici tas-socjeta` attrici.

2. Subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, id-danni allegatament sofferti mis-socjeta` attrici kagun ta' l-gharqa tal-"water barges" ma gewx sostnuti b'dokumenti.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tat-30 ta' Mejju, 2003, il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi cahdet it-talbiet tas-socjeta` attrici u kkundannata thallas l-ispejjez tal-kawza, u dan wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:-

"Il-fatti li wasslu ghal din il-kawza graw hekk:

"Iz-zewgt ibraken tas-socjeta` attrici, u barkun iehor, kienu marbutin genb ma' genb u wiehed minnhom kien marbut mal-moll: il-barkun l-iehor, Saint John, kien dak li kien marbut mal-moll; mal-genb tieghu kien marbut il-barkun Saint Francis, u mal-genb ta' Saint Francis kien marbut Saint Joseph, b'mod illi Saint Francis kien bejn Saint John fuq in-naha tal-moll u Saint Joseph fuq in-naha tal-bahar[1]. Dawn il-braken ghandhom tankijiet biex igorru l-ilma, u huma *self propelled.*

"Nhar is-Sibt 21 ta' Ottubru 1995, wara nofs in-nhar, Saint Joseph u Saint Francis tghabbew bl-ilma, ghalkemm

[1] *Fol.* 166.

mhux ghal kollox, biex ikunu lesti biex l-ghada l-Hadd jaghtu l-ilma lill-bastimenti fil-port. Wara li kien tghabba l-ilma fuq il-braken dawn thallew wahedhom minn xi l-4.00 *p.m*. jew l-4.30 *p.m*. tas-Sibt.

"Kmieni filghodu l-ghada l-Hadd, meta mar l-ekwipagg biex ikompli jimla l-braken u jehodhom jaghtu l-ilma lill-bastimenti, instab illi Saint Joseph u Saint Francis kienu gherqu. Saint John, li ma kienx mghobbi bl-ilma, baqa' fil-wicc, ghalkemm kien marbut ma' Saint Francis. Irrizulta illi l-ewwel li ghereq kien Saint Francis; dan gibed mieghu lil Saint Joseph li ghereq ukoll u strah fuq Saint Francis.

"Fil-*hull* ta' Saint Francis ma kienx hemm hsara u l-*valves* kienu kollha maghluqin; ghalhekk ma setax ikun illi l-ilma bahar dahal minn xi xaqq fil-*hull* jew minn xi *valve* li thalla miftuh, u l-kawza tal-gharqa kienet ohra. L-ipotesi mressqa mis-socjeta` attrici dwar x'kien li wassal biex ghereq Saint Francis hija din:

"Il-barkun ghandu spazju vojt maghluq fuq wara. Minn dan l-ispazju jghaddi tubu ghax-*shaft* tat-tmun u f'dan it-tubu hemm toqba zghira, taht il-livell ta' l-ilma, bi djametru ta' ghaxar millimetri, mnejn jinghata z-zejt jew *grease* ghal lubrifikazzjoni. Suppost illi minn din it-toqba kien ighaddi *pipe* izda dan il-*pipe* kien nieqes, u t-toqba, li taghti ghal barra, kienet istaddet bi *plug* ta' *grease* qadim li ghaqad.

"Is-socjeta` attrici tghid illi fil-lejl ta' bejn is-Sibt 21 u l-Hadd 22 ta' Ottubru 1995 dan il-*grease* maghqud x'aktarx inqala' bl-imbatt tal-bahar, u hekk beda bil-mod il-mod diehel l-ilma fl-ispazju l-vojt ta' wara tal-barkun. Meta mtela dan l-ispazju, il-barkun tilef il-*buoyancy*, beda niezel taht wicc il-bahar u hekk ha aktar ilma bahar, li issa seta' jidhol ukoll minn *exhaust pipe* ghal gol-kompartiment tal-makni, sakemm nizel ghal kollox. Gibed mieghu lill-barkun l-iehor li, meta beda niezel, hu wkoll imtela bl-ilma bahar u baqa' sakemm ghereq ukoll[2].

[2] Ara x-xhieda tal-Inginier Daniel grima fis-seduta tat-12 t'Ottubru 2001, *foll.* 105 et seqq.; ara wkoll ir-rapport ta' l-Inginier Grima, *foll.* 59 *et seqq.*

"Is-socjeta` konvenuta ressqet ipotesi xi ftit differenti. Tghid illi d-dhul ta' l-ilma sar mill-*exhaust pipe* li kien imsaddad u nqasam[3]. Minn dan il-pipe l-ilma bahar dahal fil-kompartiment tal-makni u kien il-*flooding* ta' dan il-kompartiment, u mhux l-ispazju vojt ta' wara (fejn hemm it-tmun) il-kawza ewlenija tal-gharqa ta' *Saint Francis*[4]. Ghalkemm il-ksur fl-*exhaust pipe* kien 'il fuq mil-livell ta' l-ilma, il-moviment laterali tal-braken kull darba jippompja l-ilma 'l fuq u jigi jilhaq il-livell tal-ksur. Il-fatt illi kien hemm in-nigrufun mal-genb tal-pjanca li maghha kien imwahhal dan l-*exhaust pipe* juri li l-*pipe* kien ga` mxaqqaq minn qabel.

"L-espert imqabbad mis-socjeta` konvenuta kien tal-fehma illi ma setax ikun illi l-barkun ghareq ghax imtela' bl-ilma fl-ispazju ta' wara ghax, skond il-kalkoli tieghu, biex jimtela dak il-volum ta'ilma minn toqba b'diametru ta' centimetru trid erbgha u ghoxrin siegha[5], li hu aktar mill-hin li thallew wehedhom il-braken. Kompla fisser illi wkoll bl-ispazju ta' wara mimli kollu bl-ilma, lill-barkun kienet naturalment tonqoslu l-*freeboard* izda mhux bizzejjed biex jeghreq.

"Kif sewwa qalet is-socjeta` konvenuta fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha, imiss lis-socjeta` attrici li turi li l-gharqa grat minhabba wahda mir-ragunijiet koperti fil-polza. Fin-nota taghha tad-9 t'Ottubru 2000[6], is-socjeta` attrici fissret illi t-talba qieghda taghmilha taht il-klwasoli tal-polza li jkopru kontra dawn ir-riskji:

4.1.1. *perils of the seas*;

4.2.2 *bursting of boilers breakage of shafts or any latent defect in the machinery or hull;*

4.2.3 *negligence of repairers or charterers.*

---

3 Ara r-ritratt *fol.*154

4 Ara x-xhieda ta' l-Inginier Paul Cardona fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2002, *foll.* 179 *et seqq.;* ara wkoll ir-rapport ta' l-Inginier Cardona, *foll.* 147 *et seqq.*

5 *Foll.* 168 *et seq.*

6 *Fol.* 49

“Nghaddu issa biex naraw jekk intweriex illi l-gharqa kienet minhabba xi wiehed jew aktar minn dawn ir-riskji.

***“Perils of the seas.***

“*Peril of the seas”* huwa kawza ta’ hsara jew telf li grat b’*casus* minhabba forza straordinarja gejja minn barra l-bastiment, mhux minn gewwa l-bastiment innifsu. Is-silta minn *Marine Insurance*, ta’ E.R. Hardy Ivamy, migjuba fin-nota tas-socjeta` konvenuta tfisser sew x’inhu dan il-kuncett ta’ *peril of the seas*:

To come within the meaning of the expression “perils of the seas” the occurrences must not be such as can be foretold as, *e.g.*, the gradual decay of a ship’s timbers by the action of water. Something fortuitous and unexpected is involved in the word “peril” or “accident”.

Hence, insurers are answerable for casualties arising from the violent action of the elements, as distinguished from the silent, natural and gradual action of the elements upon the vessel itsel, which properly relate to wear and tear.[7]

… … …

The term “perils of the seas” does not cover damage by seawater entering a vessel through holes in her caused by natural decay.[8]

“Dahalx l-ilma bahar mill-*exhaust pipe* ghal gol kompartiment tal-makni, jew dahalx mit-toqba fl-ispazju vojt ta’ wara, dak li gieghel l-ilma jidhol kien il-moviment normali ta’ l-imbatt tal-bahar u t-tendenza naturali ta’ l-ilma li jinzel minn fuq ghal isfel; ma ntwera li kien hemm ebda vjolenza straordinarja ta’ l-elementi li wasslet ghall-hsara; il-kawza kienet l-attivita` normali ta’ l-ilma bahar f’kuntest ta’ dghjufija jew nuqqas ta’ integrita` ta’ l-istruttura tal-barkun innifsu.

“Il-Qorti ghalhekk taqbel mas-socjeta` konvenuta illi l-hsara ma kinitx minhabba *perils of the seas.*

---

7 E.R. Hardy Ivamy, *Marine Insurance,* 4th Edition, 1985, p. 141.

8 *Ibid.* p. 147

***"Latent defect in the hull***

"Rajna illi, skond il-verzjoni tal-partijiet, l-ilma seta' dahal jew mit-toqba li kienet mahsuba ghal-lubrifikazzjoni tat-tmun jew mill-*exhaust pipe* maqsum. Fil-fehma tal-Qorti, il-hsara fl-*exhaust pipe* ma tistax titqies xi haga "latenti"; rajna illi n-nugrufun mal-pjanca fil-livell fejn inqasam il-*pipe*[9] kien juri, sa minn qabel l-incident, illi l-*pipe* ma kienx shih u l-hsara ghalhekk kienet tidher.

"Min-naha l-ohra, it-toqba li taghti ghall-ispzju vojt ta' wara, billi kienet taht il-livell ta' l-ilma, tista' titqies li kienet "latenti"? Izda qabel ma nqisu jekk dik it-toqba kinitx "latenti", jehtieg li nqisu ftit aktar fil-fond x'konsegwenzi seta' kellha dik it-toqba.

"Rajna illi l-ipotesi tas-socjeta` attrici hija l-ilma bahar dahal minn dik it-toqba kif fisser l-Inginier Grima. Dwar l-effett ta' l-ilma fl-ispazju ta' wara, l-Inginier Grima qal hekk:

On Saturday 21st October 1995 the prevailing swell inside the creek where the barges were lying must have contributed for the hardened core of old grease inside the 10mm hole to blow out allowing sea water to enter the aft peak void space. This space continued to flood reducing the freeboard aft until sea water was then easily washing the aft deck in way of the deckhouse.

We are informed that the exhaust pipe in way of deck penetration was slightly weak and a small hole was noted in this area. The swell which caused the barges to range against each other must have contributed to the corrosion scale on the exhaust pipe to crack and drop off, exposing the hole discovered when the barge was re-floated. Sea water must have entered the exhaust pipe, into the engine and out of the air inlet duct into the engine compartment. The water ingress has continued until the engine compartment has become partially flooded, sufficiently to lose buoyancy and sink.[10]

---

9 Ara ritratt *fol.* 154.
10 *Foll.* 62 *et seq.*

"Bla ma nqisu ghalissa jekk din hijiex ipotesi mibnija fuq fatti maghrufa u provati jew hijiex biss mibnija fuq suppozizzjonijiet li dwarhom ma ngiebet ebda prova, ghandu jinghad illi qari sew ta' din is-silta juri illi, ukoll fil-fehma ta' l-espert tas-socjeta` attrici,l-ilma li dahal mit-toqba ta' 10mm ma kienx dak li gherreq il-barkun; kull ma ghamel kien li nizzel il-barkun aktar 'l isfel fl-ilma b'mod illi l-ilma bahar, bl-ippompjar tal-moviment tal-braken ma' xulxin, seta' jitla sal-livell fejn kien hemm il-qasma fl-*exhaust pipe*.

"Ga` rajna illi l-Inginier Cardona wera illi kieku mtela l-ispazju ta' wara, wahdu ma kienx igherreq il-barkun; l-Inginier Grima jaqbel ma' din il-konkluzzjoni:

To prove the above we have simulated the above condition on the 15th April 1996 by flooding the aft peak compartment when the cargo tanks were full and in similar conditions to that at the time of the casualty. Underwriters' surveyor Mr Cardona was invited and attended during simulation test, which proved that in the event of a flooded after peak the freeboard aft would be lost which could have reasonably been the root cause of the casualty as detailed above.[11]

"Mela kien l-*exhaust pipe* maqsum, li ma kienx "latenti", u mhux it-toqba ta' 10mm, li wassal biex ghereq il-barkun; it-toqba wehedha ma kinitx tgherrqu u, irrispettivament jekk kinitx latenti jew le, ma kinitx il-kawza tal-incident, ukoll jekk l-incident sehh kif fisser l-espert imressaq mis-socjeta` attrici.

"Barra minn hekk, il-qorti taqbel mas-socjeta` konvenuta illi l-ipotesi tas-socjeta` attrici hija mibnija fuq supposizzjonijiet li baqghu minghajr prova, u mhux fuq fatti provati.

"***Negligence of repairers***

---

[11] *Fol.* 63.

“Il-qorti taqbel ma l-osservazzjoni tas-socjeta` konvenuta illi ma ngiebet ebda prova li kien hemm xi negligenza minn dawk li fl-1993 kienu fdati biex jaghmlu xi tiswijiet fil-braken. Kif fisser l-Inginier Cardona,l-*exhaust pipe* huwa espost ghall-atmosfera korroziva kemm minn barra kif ukoll minn gewwa; il-fatt illi ceda fin-1995 ma jfissirx li sar hazin fin-1993; ifisser illi f’dawk ic-cirkostanzi l-hajja tieghu hija qasira u kellu jinbidel hekk kif, bil-hrug tan-nugrufun, wera li kien beda jcedi.

“Il-kawza ghala ghereq *Saint Joseph* hija l-fatt illi ghereq qablu *Saint Francis* u gibdu mieghu, flimkien mal-fatt illi ma kienx marbut direttament mal-moll izda ma’ *Saint Francis* stess. Ladarba l-gharqa ta’ *Saint Francis* hija kawza tal-gherqa ta’ *Saint Joseph,* u l-gherqa ta’ *Saint Francis* ma kinitx b’kawza koperta bil-polza, mela lanqas l-gherqa ta’ *Saint Joseph* ma hija koperta bil-polza.

“Il-qorti ghalhekk tabel mas-socjeta` konvenuta illi lis-socjeta` attrici ma sehhilhiex li turi illi t-telf sehh minhabba xi riskju illi huwa kopert taht il-polza.”

**L-appell tas-socjeta` attrici.**

Is-socjeta` attrici hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b’rikors pprezentat fis-17 ta’ Gunju, 2003 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza fuq imsemmija filwaqt li tilqa’ t-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata.

Fir-risposta taghha s-socjeta` konvenuta appellata filwaqt li ddikjarat li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, talbet li, anke ghar-ragunijiet moghtija fir-risposta, l-appell tas-socjeta` attrici jigi michud.

**L-aggravji tas-socjeta` attrici.**

Is-socjeta` attrici ressqet diversi aggarvji ghas-sentenza appellata u dawn jikkoncernaw:

a) In-nuqqas ta’ access.

b) L-oneru tal-prova.

c) Ir-ragunijiet ta' l-gharqa u r-riskji koperti.

**In-nuqqas ta' access.**

Qed jigi sottomess li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta cahdet talba tas-socjeta` attrici biex isir access fuq il-braken wara li xehed l-Inginier Paul Cardona u dana billi, skond is-socjeta` attrici, mix-xiehda ta' l-istess Inginier Cardona rrizultaw certa diskrepanzi fil-qisien tal-bastiment bejn dak li kien jirrizulta fil-pjanti, li fuqhom hadem l-istess espert, u d-daqs attwali tal-barkun. Dwar dan l-aggravju izda ftit li xejn hemm xi tghid billi fir-rikors ta' l-appell ma hemm ebda talba biex id-digriet in kwistjoni jigi revokat; dan apparti li, kif sewwa osservat il-parti l-ohra, tali talba giet korrettement michuda inkwantu kienet tardiva billi saret wara li kienu gew konkluzi l-provi u l-kawza thalliet ghas-sentenza. Dan l-aggravju ghalhekk ma jistax jigi kunsidrat.

**Dwar l-Oneru tal-prova.**

Qed jigi sottomess li gialadarba s-socjeta` attrici kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta` konvenuta kien jispetta lil din l-istess socjeta` konvenuta li turi li l-akkadut ma kienx jirrientra fir-riskji koperti bil-polza u mhux, kif irriteniet l-ewwel Qorti, li s-socjeta` attrici tipprova li kien hemm kopertura. F'dan ir-rigward is-socjeta` konvenuta qeghda ssostni li kien jinkombi fuq is-socjeta` attrici turi li wiehed mir-riskji kontemplati fl-assikurazzjoni kkawzalha d-dannu. Fi kwalunkwe kaz is-socjeta` konvenuta qed issostni wkoll li fil-mori tal-proceduri in prim istanza hija kienet tat ir-ragunijiet taghha l-ghala kienet irrifjutat li thallas taht il-polza, u dana ghamlitu permezz ta' nota ta' osservazzjonijiet piuttost estensiva, mentri s-socjeta` attrici, mitluba mill-Qorti taghmel l-istess, baqghet ma pprezentat ebda nota.

Il-polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta` konvenuta a favur tas-socjeta` attrici telenka diversi riskji li huma koperti u kien ghalhekk jispetta lis-socjeta` attrici li

tindika specifikatament, kif effettivament ghamlet sussegwentement, liema minn dawn ir-riskji kien japplika ghal kaz ta' l-incident mertu tal-kawza u konsegwentement kien daqstant id-dover tas-socjeta` attrici li turi, permezz ta' provi, li dak li kienet qed tallega ghandu mill-verita`. Isegwi li dan l-aggravju mhux gustifikat.

**Ir-ragunijiet tal-gharqa u r-riskji koperti.**

Dan l-aggravju jolqot direttament l-qofol tal-kwistjoni bejn il-kontendenti. L-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta tghid espressament li "it-talbiet tas-socjeta` attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-raguni li ebda wiehed mir-riskji li huma esplicitament koperti permezz tal-polza ta' assikurazzjoni ….. ma kkagunaw l-gharqa taz-zewg "water barges" ….." Fl-udjenza tas-6 ta' Gunju 2000 is-socjeta` konvenuta nghatat xahar zmien biex b'nota tfisser ir-ragunijiet ghall-ewwel eccezzjoni mentri s-socjeta` attrici nghatat xahar zmien minn notifika biex twiegeb. Is-socjeta` konvenuta ottemperat ruhha ma dan l-ordni billi b'nota intavolata fil-5 ta' Lulju, 2000 wara li elenkat il-kopertura a tenur tal-Klawsola 4 tal-Polza, kompliet billi qalet "*Illi mill-investigazzjonijiet li ghamlet is-socjeta` konvenuta l-ebda wiehed mir-riskji hawn fuq elenkati ma kkagunaw id-danni allegatament sofferti mis-socjeta` konvenuta* [recte: attrici] *u fil-fatt l-istess socjeta` attrici ma indikat ebda wiehed minn dawn ir-riskji bhala l-kagun tad-danni allegatament sofferti minnha.*" B'nota pprezentata aktar minn tlett xhur wara, u b'hekk bi ksur tal-ordni tal-Qorti, is-socjeta` attrici qalet hekk:

"*Il-polza ta' assikurazzjoni tkopri l-kawzi ta' l-gharqa tal-barges in kwistjoni peress li jaqghu taht:*

- *Perils of the sea u/jew taht il-klawsoli l-ohra;*

- *Bursting of boilers, breakages of shafts or any latent defect in the machinery or hull, u*

- *Negligence of repairers or charterers provided …. fost l-ohrajn.*"

Is-sentenza appellata kkunsidrat it-talba attrici limitatament mill-aspett ta' *perils of the sea, latent defect in the hull,* kif ukoll mill-aspett ta' *negligence of repairers,* billi dawn gew indikati specifikatament u billi l-provi prodotti kienu indirizzati lejn dawn it-tlett possibilitajiet, u dan biex tara jekk it-talba attrici kinitx taqa' taht xi wiehed minnhom; u kif rajna aktar 'l fuq fis-sentenza riportata, dik il-Qorti sabet kontra t-tezi attrici. Kien ghalhekk sorpretendi ghal din il-Qorti li fir-rikors ta' l-appell is-socjeta` attrici ressqet, bhala raguni ta' l-gharqa tal-braken, riskju iehor kontemplat fil-polza ta' asskurazzjoni u dana minghajr ma ngiebu provi in prim istanza u minghajr ma dan ir-riskju gie kunsidrat mill-ewwel Qorti. Dan ir-riskju gdid jitkellem dwar "*Negligence of Master, Office, Crew and Pilots*". Pero` billi dan ir-riskju ma giex indikat fin-nota tas-socjeta` attrici hawn fuq imsemmija u konsegwentement la tressqu provi fir-rigward u lanqas ma gie kunsidrat mill-ewwel Qorti, din il-Qorti ser tinjora ghal kollox dan l-aggravju.

Fir-rigward tar-riskji koperti u kkunsidrati mill-ewwel Qorti s-socjeta` attrici appellanti qed isostni li hemm divergenza bejn il-verzjoni ta' l-espert l-Inginier Daniel Grima prodott mis-socjeta` attrici u dik ta' l-espert mressaq mis-socjeta` konvenuta u cioe` l-Inginier Paul Cardona. L-istess socjeta` attrici tghid li l-verzjoni ta' l-Inginier Cardona mhix kredibbli billi mahduma fuq kalkoli zbaljati – dana dejjem b'referenza ghad-diskrepanza bejn l-pjanti u l-estensjoni attwali tal-barkun – inkwantu l-kalkoli tieghu dwar kemm dam biex l-ilma jidhol u jimla l-parti vojta ta' wara tal-barkun St. Francis mhux maghmula fuq kejl attwali.

B'dana kollu din il-Qorti tikkondividi l-hsieb ta' l-ewwel Qorti meta qalet:
"Dahalx l-ilma bahar mill-*exhaust pipe* ghal gol-kompartiment tal-makni, jew dahalx mit-toqba fl-ispazju vojt ta' wara, dak li gieghel l-ilma jidhol kien il-moviment normali ta' l-imbatt tal-bahar u t-tendenza naturali ta' l-ilma li jinzel minn fuq ghal isfel; ma ntwera li kien hemm ebda vjolenza straordinarja ta' l-elementi li wasslet ghall-hsara; il-kawza kienet l-attivita` normali ta' l-ilma bahar f'kuntest

ta' dghjufija jew nuqqas ta' integrita` ta' l-istruttura tal-barkun innifsu."

Issa qabel xejn jrid jinghad li ghalkemm it-talba attrici tikkoncerna l-gharqa ta' zewg braken, huwa biss fil-konfront ta' l-gharqa tal-barkun St. Francis li ghandu jsir l-ezami biex jigi stabbilit jekk dan il-bastiment gheriqx minhabba xi wiehed mic-cirkostanzi kontemplati fil-polza, u dana billi fir-rigward tal-barkun St. Joseph, inkwantu dan ghereq meta ngibed mis-St. Francis, mhux qed tigi mressqa ebda cirkostanza kontenuta fil-Klawsola 4 tal-Polza ta' Assikurazzjoni. Biss f'dan ir-rigward is-socjeta` attrici tirreklama dritt taht l-hekk imsejha "Sister Ship Clause" kontenuta fil-polza. Din il-Qorti izda, ezaminata din il-klawsola, ma tikkondividix is-sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici billi ma rrizultatx kollizzjoni bejn dan il-barkun u s-St. Francis u certament l-gharqa tas-St. Joseph ma kienx rizultat ta' xi partecipazzjoni f'operazzjoni ta' salvatagg.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

F'kuntest *ta' Perils of the Sea* mhux korretta s-socjeta` attrici meta, fir-rikors ta' l-appell, tghid li jekk l-ilma dahal mill-*exhaust pipe* dan kien minhabba li l-bahar kien imqalleb. Infatti rrizulta li ghalkemm dak il-lejl ta' l-gharqa kien hemm xi ftit imbatt dan ma kienx tali, tenut kont tal-post fil-port fejn kienu ormeggjati l-braken, li kien iwassal ghall-gharqa tal-barkun St. Francis li sussegwentement gibed il-barkun St. Joseph li kien marbut mieghu minflok mal-moll kif kien mistenni. L-gharqa tas-St. Francis kienet ikkawzata minhabba kumulu ta' cirkostanzi. Kien hemm fl-ewwel lok it-tnaqqis tal-*freeboard level* li nizel ghall-100mm minn 200mm meta l-parti vojta ta' wara bdiet tintela bl-ilma minhabba t-toqba li rrizultat fis-*shaft*. Minhabba f'hekk tela' l-ilma fuq id-*deck* bl-ippumpjar ta' l-ilma kawzat bil-moviment tal-braken ma' xuxlin minhabba c-caqliq moderat tal-bahar, u finalment dan l-ilma, li kien hemm fuq id-deck, ipperkola fl-*engine room* mit-toqba li kien hemm fl-*exhaust pipe*.

Issa fir-rigward tat-toqba fis-*shaft* minn fejn jinghata l-*grease* s-socjeta` attrici qeghda tghid li dan huwa difett latenti, li jista' jigi attribwit lil min ghamel it-tiswijiet u ghalhekk jiggustifika t-talba attrici a tenur tal-polza. Biss, kif sewwa osservaw l-esperti taz-zewg kontendenti, dan id-difett wahdu ma kienx iwassal ghall-gharqa tal-barkun anke meta l-parti vojta ta' wara kienet tkun mimlija bl-ilma. Effettivament sar "test" prattiku fuq l-istess barkun minn fejn irrizulta dan bla ebda dubbju. Ghalhekk ma jistax jinghad li din kienet ir-raguni li l-barkun ghereq. Inoltre ma ngiebet ebda prova ta' dak li kien qed jigi allegat dwar din it-toqba, u kien biss l-espert Grima li semma "repairers" meta kien qed jaghti rakkont ta' x'gara waqt ir- 'refloating operation' ibbazat fuq dak li kienu qalulu persuni ohra billi huwa ma kienx prezenti ghall-istess operazzjoni. In effetti kien biss dan l-espert li jsemmi ditta maghrufa bhala Pelican Engineering Works u jixhet responsabbilita` fuqha ghall-assenza tal-pipe fejn thalliet it-toqba, u dana minghajr ma sar ebda attentat biex jitressaq bhala xhud rapprezentant ta' l-istess ditta biex jghati il-verzjoni tieghu fuq din l-allegazzjoni.

Mill-banda l-ohra d-deterjorazzjoni fl-exhaust pipe kellha, kif xehed l-espert Paul Cardona, tkun evidenti ghas-sidien tal-braken minhabba l-prezenza tan-nugrufun, u kien ghalhekk mistenni li dawn is-sidien, li, wara kollox huma responsabbli ghall-manutenzjoni ordinarja tal-barkun b'mod li dan izommuh *seaworthy*, jaghmlu dak li kien mehtieg biex isiru t-tiswijiet mehtiega. Biss jirrizulta li dawn naqsu u kien minhabba dan in-nuqqas li sehh il-*flooding* tal-*engine room* u b'hekk ghereq il-barkun. Dan il-fatt ma jistax jinkwadra taht wiehed mill-*perils* kontemplati fil-polza billi la kien rizultat ta' "*negligence of repairers or charterers*" la kien "*latent defect*" u lanqas ma jista' jigi kunsidrat bhala konsegwenza ta' "*peril of the sea*".

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala  ghandha tvarja l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza wkoll kontra s-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------